KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
POIARES MADURO
ippreżentati fid-19 ta' Frar 2009 [1]

1. Peress li t-Trattat tal-KE jipprovdi biss biex il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-sigurtà soċjali tkun ikkoordinata aktar milli armonizzata b'mod sħiħ, jistgħu jibqgħu xi diskrepanzi bejniethom. B'hekk, l-użu li jagħmel il-ħaddiem mid-dritt tiegħu għal moviment liberu xi drabi jista' jiżvantaġġjah, mingħajr ma jinvolvi l-ebda ksur tat-Trattat. Imma, min-naħa l-oħra, l-għanijiet tat-Trattat ma jintlaħqux jekk l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu kellu jwassal għat-telf tal-vantaġġi tas-sigurtà soċjali ggarantiti lill-ħaddiema mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru. Il-kawża preżenti hija eżempju tajjeb ta' dan il-paradoss.

I — Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali

2. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ntbagħat lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-proċeduri bejn K. Leyman u l-uffiċċju Belġjan tas-sigurtà soċjali, magħruf bħala l-"institut national d'assurance-maladie" (iktar 'il quddiem: l-INAMI). K. Leyman, ċittadina Belġjana, kienet taħdem fil-Belġju bħala impjegata bejn l-1971 u l-2003. F'Awwissu 2003, hija marret tgħix il-Lussemburgu u, minn dak iż-żmien, kienet suġġetta għall-iskema Lussemburgiża tas-sigurtà soċjali. Fit-8 ta' Lulju 2005, l-awtoritajiet tal-Lussemburgu sabuha inkapaċi għax-xogħol għall-perijodu bejn it-8 ta' Lulju 2005 u d-29 ta' Frar 2012, meta mistennija tirtira. Għalhekk, l-awtoritajiet Lussemburgiżi tawha pensjoni tal-invalidità b'effett immedjat u li ġiet ikkalkulata skont il-proporzjon tat-tul tal-perijodi tal-assigurazzjoni kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni amministrata minnhom. L-ammont ta' kull xahar tal-pensjoni huwa ta' EUR 322.83.

3. Skont ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 [2], K. Leyman ressqet applikazzjoni quddiem l-INAMI għall-benefiċċji tal-invalidità għall-proporzjon tal-perijodi tal-assigurazzjoni kkompletati fil-Belġju. Fit-23 ta' Lulju 2006, l-INAMI taha dawn il-benefiċċji għal ammont ta' kull xahar ta' EUR 737.10. Madankollu, il-pensjoni kellha tibda titħallas biss mit-8 ta' Lulju 2006, skont l-Artikolu 93 tal-Liġi Belġjana tal-14 ta' Lulju 1994 dwar l-assigurazzjoni obbligatorja tal-kura medika u tal-benefiċċji tal-mard, li jipprovdi li d-dritt għall-benefiċċju ta' invalidità jinkiseb biss wara sena

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-Sigurtà Soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità (verżjoni kkonsolidata — ĠU 1997, L 28, p. 1).

ta' inkapaċità għax-xogħol, b'dan il-perijodu preċedenti jintitola lill-benefiċjarju għall-għoti ta' benefiċċju msejjaħ "indemnité d'incapacité primaire".

4. Għaldaqstant, għall-ewwel sena ta' inkapaċità, l-applikanta rċeviet mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu pensjoni tal-invalidità kkalkulata fuq il-bażi tal-perijodi tal-assigurazzjoni kkompletati fit-territorju tiegħu, imma ma rċeviet l-ebda ħlas mill-istituzzjonijiet Belġjani tas-sigurtà soċjali.

5. K. Leyman ippreżentat appell mid-deċiżjoni tal-INAMI quddiem it-Tribunal du travail de Nivelles (il-Qorti tax-Xogħol ta' Nivelles), fejn argumentat li l-iffissar tal-punt tat-tluq għall-ħlas tal-pensjoni tal-invalidità fit-8 ta' Lulju 2006 ma kienx kompatibbli mal-moviment liberu u, b'hekk, talbet li missha bdiet titħallas mit-8 ta' Lulju 2005. Minħabba li l-kawża qajmet diversi kwistjonijiet tad-dritt Komunitarju, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-kawża quddiemha u li tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari.

II — Il-kuntest ġuridiku u d-domandi preliminari

6. Sabiex nifhmu eżattament ir-raġunament wara t-talba għal deċiżjoni preliminari u x'inhu involut fid-domandi preliminari, għandhom jitfakkru d-dispożizzjonijiet li ġejjin.

7. L-Anness IV għar-Regolament Nru 1408/71 jikklassifika lill-Istati Membri f'żewġ kategoriji, skont it-tip ta' leġiżlazzjoni soċjali li japplikaw. F'dik li tissejjaħ l-iskema tat-tip A, l-ammont ta' benefiċċju jitħallas b'rata fissa, irrispettivament mit-tul ta' żmien tal-affiljazzjoni mal-iskema tal-assigurazzjoni; f'dik li tissejjaħ l-iskema tat-tip B, l-ammont tal-pensjoni jiddependi min-numru ta' perijodi tal-assigurazzjoni kkompletati taħt din il-leġiżlazzjoni.

8. Meta, bħal f'dan il-każ, ħaddiem ikun suċċessivament suġġett għal leġiżlazzjoni tat-tip A, li huwa l-każ fil-Belġju, u għal leġiżlazzjoni tat-tip B, li huwa l-każ tal-Lussemburgu, l-Artikolu 40(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jindirizza din is-sitwazzjoni billi jirreferi għar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-regolament, jiġifieri l-Artikoli 44 sa 51a. B'hekk, ħaddiem jista' jkun intitolat għal pensjoni tal-invalidità f'diversi Stati Membri, b'dan id-dritt jinkiseb skont il-kundizzjonijiet stabbiliti minn kull leġiżlazzjoni nazzjonali, kif ġie pprovdut fl-Artikolu 44(2).

9. Madankollu, l-Artikolu 45(1) jispeċifika li, biex jinkiseb id-dritt għall-benefiċċji, irid jingħata rendikont, jekk ikun meħtieġ, tal-perijodi kollha kkompletati fi Stati Membri oħra. Dan il-prinċipju tal-aggregazzjoni tal-perijodi tal-assigurazzjoi huwa anki rifless

fl-Artikolu 40(3), rigward it-tip ta' sitwazzjoni li tirriżulta f'dan il-każ:

"(a) Għall-iskop ta' l-istabbiliment tad-dritt għall-benefiċċji taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru, mniżżla fl-Anness IV, il-Parti A, li tikkondizzjona l-għoti tal-benefiċċji għall-invalidità fuq li l-persuna kkonċernata li tkun irċeviet benefiċċji fi flus għall-mard jew li ma kinetx kapaċi għax-xogħol waqt perjodu speċifiku, fejn persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha li kienet suġġetta għal dik il-leġislazzjoni ġġarrab inkapaċità fuq ix-xogħol li twassal għal invalidità waqt li tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru ieħor, waqt li tingħata konsiderazzjoni lil dan li ġej, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 37(1):

(i) kwalunkwe perjodu li matulu, fejn tidħol dik l-inkapaċità waqt ix-xogħol, hija rċeviet, taħt il-leġislazzjoni tat-tieni Stat Membru, benefiċċji għall-mard fi flus, jew, minflok dan, kompliet tieħu paga jew salarju;

(ii) kwalunkwe perjodu li, fejn tidħol l-invalidità li segwiet dik l-inkapaċità waqt ix-xogħol, hija rċeviet benefiċċji fl-ambitu tat-tifsira ta' dan il-Kapitolu 2 u tal-Kapitolu 3 li jsegwi, tar-Regolament mogħtija fejn tidħol l-invalidità taħt il-leġislazzjoni tat-tieni Stat Membru,

bħallikieku kien perjodu matul liema tħallset benefiċċji fi flus għall-mard taħt il-leġislazzjoni ta' l-ewwel Stat Membru jew matul liema ma kinitx kapaċi għax-xogħol fl-ambitu tat-tifsira ta' dik il-leġislazzjoni."

10. Rigward il-punt ta' tluq tad-dritt għall-benefiċċju tal-invalidità fil-każ partikolari msemmi mill-Artikolu 40(3)(a), l-Artikolu 40 (3)(b) jipprovdi li:

"(b) Id-dritt għall-benefiċċji ta' l-invalidità taħt il-leġislazzjoni ta' l-ewwel Stat Membru jkun akkwistat jew ma l-għeluq tal-perjodu preliminari tal-kumpens għall-mard, kif mitlub minn dik il-leġislazzjoni, jew ma l-għeluq tal-perjodu preliminari ta' l-inkapaċità għax-xogħol kif mitlub minn dik il-leġislazzjoni, imma mhux qabel:

(i) id-data ta' l-akkwist tad-dritt għall-benefiċċji ta' l-invalidità li għalihom saret riferenza fis-sottoparagrafu (a) (ii) taħt il-leġislazzjoni tat-tieni Stat Membru

jew

(ii) il-jum ta' wara l-aħħar jum li fih il-persuna kkonċernata hija intitolata għall-benefiċċji tal-mard fi flus taħt il-leġislazzjoni tat-tieni Stat Membru."

11. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 46 tar-Regolament Nru 1408/71, l-ammont tal-pensjoni tal-invalidità għandu jiġi kkalkulat skont il-proporzjon tat-tul ta' żmien tal-perijodi tal-assigurazzjoni jew tar-residenza kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li japplika għat-tul ta' żmien kollu tal-perijodi tal-assigurazzjoni u tar-residenza kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kollha kkonċernati.

12. F'dan il-każ, id-diffikultà nqalgħet minħabba d-differenza bejn il-leġiżlazzjoni Belġjana u dik Lussemburgiża, rigward id-data minn meta għandha titħallas il-pensjoni tal-invalidità. Billi, waqt li skont id-dritt Lussemburgiż, l-intitolament jirriżulta mill-ewwel jum tal-inkapaċità għax-xogħol, f'dan il-każ jiġifieri mit-8 ta' Lulju 2005, skont id-dritt Belġjan jingħata minn tmiem perijodu ta' sena wara l-bidu tal-inkapaċità għax-xogħol, f'dan il-każ jiġifieri mit-8 ta' Lulju 2006.

13. Għaldaqstant, għall-ewwel sena ta' inkapaċità għax-xogħol tagħha, ir-rikorrenti rċeviet biss il-pensjoni Lussemburgiża tal-invalidità kkalkulata biss skont il-proporzjoni tat-tul ta' żmien tal-perijodi tal-assigurazzjoni kkompletati fil-Lussemburgu, jiġifieri ammont iċken minn dak tal-indemnité d'incapacité primaire li kienet tirċievi kieku baqgħet fil-Belġju. Fl-istess ħin, l-INAMI rrifjuta wkoll li, għall-ewwel sena ta' inkapaċità, jagħtiha pensjoni tal-invalidità stabbilita skont il-proporzjon tat-tul ta' żmien tal-perijodi tal-assigurazzjoni tagħha kkompletati fil-Belġju fuq il-bażi li, skont id-dritt Belġjan, l-invalidità għandha tkun ippreċeduta minn perijodu preliminari ta' inkapaċità għax-xogħol, imsejjaħ perijodu ta' "incapacité primaire", u li, f'dan il-każ, l-Artikolu 40(3)(b) jipprovdi li l-intitolament għall-benefiċċju tal-invalidità jibda, rigward il-leġiżlazzjoni tal-ewwel Stat Membru, "ma l-għeluq tal-perjodu preliminari ta' l-inkapaċità għax-xogħol".

14. K. Leyman qed tara f'dawn ir-regoli ksur tal-prinċipju Komunitarju tal-moviment liberu. B'hekk, il-qorti tar-rinviju, biż-żewġ domandi preliminari tagħha, essenzjalment qed tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja rigward il-kompatibbiltà tal-Artikolu 40(3)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 u tal-Artikolu 93 tal-Liġi Belġjana tal-14 ta' Lulju 1994 mad-dritt għall-moviment u għar-residenza mogħti liċ-ċittadini tal-Unjoni mill-Artikolu 18 KE, safejn dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet jistgħu jagħtu lok għal diskriminazzjoni fil-konfront taċ-ċittadini li għamlu użu mid-dritt għall-moviment liberu tagħhom.

III — Evalwazzjoni legali

15. Mill-bidu nett għandu jiġi nnotat li, għalkemm id-domandi huma marbuta mal-Artikolu 18 KE, is-sitwazzjoni *in quo* taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 39 KE, billi r-rikorrenti stabbilixxiet ir-residenza tagħha fil-Lussemburgu sabiex tkun tista' taħdem hemmhekk bħala impjegata. B'hekk, ma hemmx bżonn ta' deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 18 KE, peress li d-dritt ta' kull ċittadin tal-Unjoni li jiċċaqlaq u jirrisjedi bil-libertà kollha fit-territorju tal-Istati Membri, jiġi espress speċifikatament fl-Artikolu 39 KE b'relazzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema [3].

16. Id-dubji li għandha l-qorti tar-rinviju rigward il-validità tal-Artikolu 40(3)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 u tal-Artikolu 93 tal-Liġi Belġjana tal-14 ta' Lulju 1994 għaldaqstant għandhom jiġu evalwati b'relazzjoni mal-Artikolu 39 KE. Fil-fehma tal-qorti nazzjonali, billi jitħalla perijodu ta' stennija ta' sena qabel ma tibda tingħata l-pensjoni tal-invalidità, id-dispożizzjoni kkontestata twaqqaf lil K. Leyman milli tibbenefika, matul l-ewwel sena tal-inkapaċità tagħha, mid-drittijiet li kisbet matul il-karriera professjonali tagħha fil-Belġju. B'hekk, tqegħedha fi żvantaġġ minħabba l-unika raġuni li hija għamlet użu mid-dritt tagħha għal moviment liberu.

17. Mal-ewwel daqqa t'għajn, it-Trattat ma jipprojbixxix id-differenza permessa mil-leġiżlazzjoni Komunitarja u misjuba bejn il-leġiżlazzjoni Belġjana u dik Lussemburgiża, rigward il-punt ta' tluq tal-ħlas tal-pensjoni tal-invalidità. Tabilħaqq, it-Trattat ma jipprovdix għall-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-Istati Membri imma biss, fl-Artikolu 42 KE (qabel l-Artikolu 51 tat-Trattat tal-KE) tagħha, għall-koordinazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni. Għaldaqstant, ma jnaqqasx mis-setgħa tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom [4]. B'mod partikolari, għandha tkun il-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom jingħataw il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali [5]. Minħabba dik il-ġurisdizzjoni li żammew l-Istati Membri, jistgħu jibqgħu xi differenzi bejn l-iskemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali fil-proċeduri applikabbli u fid-drittijiet tal-persuni li jaħdmu fl-Istati Membri [6].

18. Tabilħaqq, l-Istati Membri għażlu soluzzjonijiet differenti fi kwistjonijiet ta' benefiċċji tal-mard u tal-invalidità. Il-leġiżlatur Komunitarju ħa nota ta' dan, u llimita ruħu, permezz tar-Regolament Nru 1408/71 adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 42 KE, li jistabbilixxi sistema ta' koordinazzjoni li tikkonċerna, *inter alia*, id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ħaddiema impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jagħmlu użu, f'diversi ċirkustanzi, mid-dritt tagħhom għal moviment liberu [7]. Biex jagħmel dan, il-leġiżlatur

3 — F'dan ir-rigward, ara s-sentenzi tas-26 ta' Novembru 2002, Oteiza Olazabal (C-100/01, Ġabra p. I-10981, punt 26); tas-26 ta' April 2007, Alevizos (C-392/05, Ġabra p. I-3505, punt 66); tal-11 ta' Settembru 2007, Hendrix (C-287/05, Ġabra p. I-6909, punt 61).

4 — Sentenzi tad-9 ta' Marzu 2006, Piatkowski (C-493/04, Ġabra p. I-2369, punt 32); tat-13 ta' Mejju 2003, Müller-Fauré u van Riet (C-385/99, Ġabra p. I-4509, punt 100); tat-3 ta' April 2008, Derouin (C-103/06, Ġabra p. I-1853, punt 23).

5 — Sentenzi tat-30 ta' Jannar 1997, Stöber u Piosa Pereira (kawżi magħquda C-4/95 u C-5/95, Ġabra p. I-511, punt 36); tat-28 ta' April 1998, Decker (C-120/95, Ġabra p. I-1831, punt 22; Müller-Fauré u van Riet (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 100); tal-21 ta' Frar 2008, Klöppel (C-507/06, Ġabra p. I-943, punt 16).

6 — Sentenzi tal-15 ta' Jannar 1986, Pinna (41/84, Ġabra p. 1, punt 20); tat-12 ta' Lulju 1989, Jordan (141/88, Ġabra p. 2387, punt 13); tad-19 ta' Marzu 2002, Hervein *et* (C-393/99 u C-394/99, Ġabra p. I-2829, punt 50).

7 — Hervein *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 52); Derouin, (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 20).

Komunitarju ma jistax jiddefinixxi l-kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-sigurtà soċjali; għandhom ikunu l-awtoritajiet nazzjonali li jiżguraw li jkun hemm konsistenza mat-Trattat ta' tali leġiżlazzjoni [8], bla ħsara għall-istħarriġ mill-qorti Komunitarja.

19. B'hekk, l-Artikolu 40 tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi għal mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, fil-każ li ħaddiem iħalli Stat Membru mogħni b'leġiżlazzjoni tat-tip A sabiex imur joqgħod fi Stat Membru ieħor li japplika leġiżlazzjoni tat-tip B. F'dan il-każ, kif diġà għidt, kull Stat Membru fejn tkun ġiet impjegata l-persuna assigurata, missu jagħti benefiċċju tal-invalidità skont il-proporzjon taż-żmien li tkun ħadmet fit-territorju tiegħu, sakemm il-ħaddiem jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-għotja stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fit-territorju rilevanti. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 40(3)(b) tar-Regolament espliċitament jirrikonoxxi li l-Istati Membri b'leġiżlazzjoni tat-tip A xi drabi taw pensjoni tal-invalidità b'patt u kundizzjoni li jiskadi perijodu preliminari ta' mard jew ta' inkapaċità għax-xogħol.

20. Jidhirli, għalhekk, li huwa dubjuż kif ir-rikorrenti hija intitolata li tirċievi pensjoni tal-invalidità fil-Belġju mill-ewwel jum tal-inkapaċità għax-xogħol tagħha. B'dan il-mod ikun qed jiġi impost il-ħlas immedjat ta' benefiċċju li, fid-dritt Belġjan, jingħata biss wara perijodu ta' stennija ta' sena. Dan ikun armonizzazzjoni sfurzata, filwaqt li d-dritt Komunitarju jistabbilixxi biss koordinazzjoni tal-liġijiet nazzjonali.

21. Din il-kundizzjoni għall-għotja imposta mil-liġi soċjali Belġjana u awtorizzata mill-Artikolu 40(3)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 tikser l-Artikolu 39 KE, bħala tali? Il-konklużjoni tiegħi hija li le. Din il-kundizzjoni la tikkostitwixxi diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema fuq il-bażi tan-nazzjonalità u lanqas ma tiddiskrimina kontra l-ħaddiema li jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għal moviment liberu. Hija tapplika anki għall-ħaddiema li qattgħu l-karriera professjonali kollha tagħhom fil-Belġju u l-impatt negattiv possibbli fuq il-ħaddiema li jkunu eżerċitaw id-dritt għal moviment liberu hija sempliċement konsegwenza tal-għażliet leġiżlattivi kunfliġġenti li għamlu l-Belġju u l-Lussemburgu rigward il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għoti ta' pensjoni tal-invalidità.

22. Fl-istess ħin, għandu jiġi rikonoxxut li l-leġiżlazzjoni Belġjana tqiegħed lill-ħaddiema li għamlu użu mid-dritt għal moviment liberu tagħhom fi żvantaġġ, meta pparagunati ma' dawk li baqgħu fit-territorju Belġjan, jekk ma jitħallewx jitolbu indemnité d'incapacité primaire. Għalhekk, tibqa' l-kwistjoni jekk ir-rikorrenti setgħetx tapplika, fuq il-bażi tad-dritt Komunitarju, għall-indemnité d'incapacité primaire ipprovduta mid-dritt Belġjan. Naturalment, mid-deċiżjoni tar-rinviju jidher li K. Leyman talbet formalment biss il-pensjoni tal-invalidità mill-ewwel jum tal-inkapa-

8 — Hervein *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 53).

ċità tagħha għax-xogħol. Madankollu, id-domandi mressqa huma marbuta b'mod iktar ġenerali mal-konsistenza mal-liġi tal-Komunità taċ-ċaħda tal-ħlas ta' benefiċċju, irrispettivament minn liema tip, matul l-ewwel sena tal-inkapaċità għax-xogħol, fejn jitqiesu l-perijodi tal-assigurazzjoni kollha kkompletati fil-Belġju.

23. Il-kwistjoni hawn mhix marbuta mal-fatt li, bħala konsegwenza tat-trasferiment tal-attività professjonali tagħha fil-Lussemburgu, K. Leyman qed tirċievi pensjoni tal-invaliditá mill-awtoritajiet Lussemburgiżi, li ġiet iddeterminata skont il-proporzjon tal-perijodu tal-assigurazzjoni qasir tagħha fit-territorju tal-Gran Dukat, li l-ammont tagħha kien iċken mill-ammont tal-indemnité d'incapacité primaire li kienet tingħatalha fl-ewwel sena tal-inkapaċità kieku baqgħet fil-Belġju. Kif enfasizzajt iktar 'il fuq, il-leġiżlatur Komunitarju ma armonizzax l-ammont tal-benefiċċji soċjali. "Għaldaqstant, it-Trattat ma joffri l-ebda garanzija lil ħaddiem li jestendi l-attivitajiet tiegħu f'iktar minn Stat Membru wieħed jew li jittrasferihom fi Stat Membru ieħor, dan mhux se jħalli effetti fejn għandha x'taqsam is-sigurtà soċjali. Meta jitqiesu d-diskrepanzi fil-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-Istati Membri, tali estensjoni jew trasferiment tista' tkun ta' vantaġġ għall-ħaddiem f'termini ta' sigurtà soċjali jew le, skont iċ-ċirkustanza li tkun" [9]. B'ħekk, fil-prinċipju, kwalunkwe żvantaġġ, b'paragun mas-sitwazzjoni ta' ħaddiem li jwettaq l-attivitajiet kollha tiegħu fi Stat Membru wieħed, li jirriżulta mill-estensjoni jew mit-trasferiment tal-attivitajiet tiegħu fi Stat Membru ieħor jew fi Stati Membri oħrajn u milli jkun suġġett għal leġiżlazzjoni addizzjonali dwar is-sigurtà soċjali, ma jmurx kontra d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-moviment liberu tal-ħaddiema [10].

24. Madankollu, jeħtieġ li nagħmlu distinzjoni bejn l-iżvantaġġi possibbli li jirriżultaw milli wieħed ikun suġġett għal-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri differenti u t-trattament żvantaġġuż ta' sitwazzjonijiet transkonfinali mill-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed. Għaldaqstant, il-kwistjoni tinvolvi iktar il-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tal-impossibbiltà għal ħaddiem Belġjan li, wara li mar jgħix fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu, u waqt li kien qed jaħdem hemmhekk, billi sar inkapaċi għax-xogħol, biex jikseb, matul l-ewwel sena tal-inkapaċità tiegħu, kwalunkwe benefiċċju fejn jitqiesu l-kontribuzzjonijiet li ħallas qabel lill-INAMI, filwaqt li huwa kien ikun eliġibbli biex jirċievi indemnité d'incapacité primaire mill-ewwel jum tal-inkapaċità għax-xogħol li kieku baqa' fil-Belġju.

25. Il-Kummissjoni argumentat li sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, mhux daqstant l-Artikolu 40(3)(b) tar-Regolament

9 — Hervein *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 51); Piatkowski (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 34).

10 — *Ibid*.

Nru 1408/71, li jittratta biss il-kwistjoni tal-għotja tal-benefiċċju tal-invaliditá, li jikkostitwixxi d-dispożizzjoni rilevanti, daqs l-Artikolu 40(3)(a) tar-Regolament. Naturalment, bid-diċitura tiegħu, dan tal-aħħar huwa wkoll marbut biss mal-benefiċċji tal-invaliditá u kulma jagħmel huwa li jimponi obbligu għall-Istati Membri li, bħall-Belġju, jagħmlu l-għotja ta' dawk il-benefiċċji suġġetti għat-tmiem ta' perijodu preċedenti ta' inkapaċitá għax-xogħol, li jqisu, sabiex ikun ivverifikat li din il-kundizzjoni ġiet sodisfatta, kwalunkwe perijodu li matulu l-ħaddiem, skont il-leġiżlazzjoni tat-tieni Stat Membru, ikun irċieva benefiċċji tal-mard jew tal-invaliditá minħabba inkapaċitá għax-xogħol [11].

26. Madankollu, għandu jitfakkar li sabiex tkun iggarantita l-effikaċja tal-moviment liberu tal-ħaddiema, l-Artikolu 42 KE jipprovdi biex tkun stabbilita sistema li tiżgura "l-aggregazzjoni, għall-fini li wieħed jakkwista jew iżomm id-dritt għall-benefiċċju u fil-kalkolu ta' l-ammont tal-benefiċċju, tal-perijodi kollha li hu meħud kont tagħhom skond il-liġijiet nazzjonali differenti" għall-ħaddiema migranti. Huwa wkoll ġurisprudenza stabbilita li d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament Nru 1408/71 għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-għan tal-Artikolu 42 KE, li huwa li jingħata kontribut permezz, *inter alia*, tal-aggregazzjoni tal-perijodi tal-assigurazzjoni, tar-residenza jew tal-impjieg għall-istabbiliment tal-moviment liberu tal-ħaddiema [12]. Fejn dak ma setax jintlaħaq, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qagħditx taħsibha darbtejn biex tannulla dispożizzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 li kienet teskludi l-possibbiltà li jitiqesu l-perijodi li matulhom, għall-finijiet tal-estensjoni tal-perijodu ta' referenza taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, il-benefiċċji soċjali tħallsu taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor [13]. Jekk it-Trattat iħalli f'posthom id-differenzi bejn l-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri u, b'hekk, fid-drittijiet tal-persuni li jaħdmu fl-Istati Membri, l-għan tiegħu ma jintlaħaqx jekk, bħala konsegwenza tal-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għal moviment liberu, il-ħaddiema kellhom jitilfu l-vantaġġi tas-sigurtà soċjali ggarantiti lilhom mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed. Konsegwenza bħal din tista' tiskoraġġixxi lill-ħaddiema Komunitarji milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu u għalhekk tikkostitwixxi ostaklu għal dik il-libertà [14]. B'hekk, dak l-għan jeħtieġ li l-ħaddiema migranti ma għandhomx jitilfu d-dritt tagħhom għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali jew ikollhom l-ammont ta' dawk il-benefiċċji mnaqqsa għaliex ikunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu kkonferit

11 — Għal xi eżempji ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, ara s-sentenzi tad-9 ta' Novembru 1977, Warry (41/77, Ġabra p. 2085); tat-12 ta' Jannar 1983, Coppola (150/82, Ġabra p. 43); minn hawn 'il quddiem is-soluzzjonijiet jiġu approvati fuq il-bażi tal-Artikolu 40(3)(a) tar-Regolament Nru 1408/71.

12 — F'dan ir-rigward, ara s-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1998, Lustig (C-244/97, Ġabra p. I-8701, punt 30); tad-9 ta' Awwissu 1994, Reichling (C-406/93, Ġabra p. I-4061, punt 21); tas-26 ta' Ottubru 1995, Moscato (C-481/93, Ġabra p. I-3525, punt 27); tas-26 ta' Ottubru 1995, Klaus (C-482/93, Ġabra p. I-3551, punt 21).

13 — Ara s-sentenza tat-18 ta' April 2002, Duchon (C-290/00, Ġabra p. I-3567). Għal analiżi, ara P. Mavridis, *La sécurité sociale à l'épreuve de l'intégration européenne*, Bruylant, 2003, p. 657 sa 659.

14 — Ara s-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1994, van Munster (C-165/91, Ġabra p. I-4661, punt 27); tal-4 ta' Ottubru 1991, Paraschi (C-349/87, Ġabra p. I-4501, punt 22); tal-20 ta' Settembru 1994, Drake (C-12/93, Ġabra p. I-4337, punt 22); tal-11 ta' Settembru 2008, Petersen (C-228/07, Ġabra p. I-6989, punt 43).

lilhom mit-Trattat [15] u li r-regola dwar l-aggregazzjoni tal-perijodi tal-assigurazzjoni, tar-residenza jew tal-impjieg għandha l-għan li tiżgura li dak l-eżerċizzju tad-dritt għal moviment liberu, ikkonferit mit-Trattat, ma jkollux l-effett li jċaħħad lil ħaddiem mill-vantaġġi tas-sigurtà soċjali li kien ikun intitolat għalihom li kieku qatta' l-ħajja tax-xogħol tiegħu fi Stat Membru wieħed biss [16].

27. F'dan il-każ, li kieku K. Leyman baqgħet dejjem taħdem u kkompletat il-perijodi tal-assigurazzjoni kollha tagħha fil-Belġju jew li kieku saret invalida jew inkapaċi għax-xogħol hemmhekk, possibbilment wara li kienet impjegata fi Stat Membru ieħor, hija kienet tkun intitolata għall-indemnité d'incapacité primaire għall-perijodu bejn it-8 ta' Lulju 2005 u s-7 ta' Lulju 2006.

28. Jekk l-Artikolu 40(3)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 42 KE, għalhekk, għandu jinftiehem bħala li jirrikjedi minn Stat Membru, bħall-Belġju, mhux biss li jqis, għall-finijiet tal-ħlas ta' benefiċċju tal-invalidità, kwalunkwe perijodu li matulu l-persuna kkonċernata tkun irċeviet benefiċċji tal-invalidità taħt il-leġiżlazzjoni Lussemburgiża, imma li jqis ukoll, għall-finijiet tal-ħlas u tal-kalkolu tal-indemnité d'incapacité primaire il-perijodi tal-assigurazzjoni kkompletati kollha taħt il-leġiżlazzjoni Lussemburgiża, bħallikieku l-perijodi kienu kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni tiegħu.

29. Għaldaqstant, huwa fid-dawl ta' din l-intepretazzjoni tal-Artikolu 40(3)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 li l-awtoritajiet Belġjani għandhom jaqraw u japplikaw l-Artikolu 93 tal-Liġi tal-14 ta' Lulju 1994. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet kemm-il darba, meta jeżerċitaw is-setgħa tagħhom biex jorganizzaw u japplikaw l-iskema tas-sigurtà soċjali tagħhom, l-Istati Membri jridu jkunu konformi mad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema [17]. Is-setgħa tal-Istati Membri b'hekk mhix waħda bla limiti. B'mod partikolari, huma meħtieġa jirrispettaw l-ispirtu u l-prinċipji tar-Regolament Nru 1408/71, inkluż dak li jiżgura li persuna ma tkunx penalizzata talli eżerċitat id-dritt tagħha għal moviment liberu u li jissodisfaw irwieħhom li s-sistema li nħolqot b'dan il-mod ma ċċaħħadx lil dik il-persuna mill-ħarsien soċjali [18]. Barra minn hekk, filwaqt li fil-prinċipju kwalunkwe żvantaġġ, meta pparagunat mas-sitwazzjoni ta' ħaddiem li jwettaq l-attivitajiet tiegħu kollha fi Stat Membru wieħed, li jirriżulta mill-estensjoni jew mit-trasferiment tal-attivitajiet tiegħu fi Stat Membru ieħor jew fi Stati Membri oħrajn u milli jkun suġġett għal leġiżlazzjoni addizzjonali dwar is-sigurtà soċjali ma jmurx kontra l-Artikoli 39 KE u 43 KE, dik il-leġiżlazzjoni ma tridx sempliċement tirriżulta fil-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fejn ma jkun hemm l-ebda ritorn minnhom [19]. Kif diġà għidt, jekk K. Leyman ma kellha tirċievi l-ebda ħlas mingħand l-istituzzjonijiet Belġjani tas-

15 — Lustig (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 31); Reichling (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 24).

16 — Lustig (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 31); Moscato (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 28).

17 — Sentenzi tas-26 ta' Jannar 1999, Terhoeve (C-18/95, Ġabra p. I-345, punt 34); Decker (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 23); Piatkowski (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 33); tas-7 ta' Lulju 2005, van Pommeren-Bourgondiën (C-227/03, Ġabra p. I-6101, punt 39); Derouin (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 25; Klöppel (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 16); Petersen (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 42).

18 — Derouin (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 25).

19 — Hervein *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 51); Piatkowski (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 34).

sigurtà soċjali matul l-ewwel sena tal-inkapaċità tagħha, ma jkun hemm l-ebda benefiċċju matul dak il-perijodu għall-kontribuzzjonijiet li tkun ħallset fil-Belġju.

IV — Konklużjoni

30. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mit-Tribunal de travail de Nivelles fit-termini li ġejjin:

L-Artikolu 40(3)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-Sigurtà Soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi minn Stat Membru b'leġiżlazzjoni tat-tip A, li tagħmel l-għoti ta' benefiċċji tal-invaliditá kundizzjonali fuq li l-persuna kkonċernata kienet inkapaċi għax-xogħol matul perijodu speċifiku, fejn persuna impjegata li kienet suġġetta għal dik il-leġiżlazzjoni tbati minn inkapaċità għax-xogħol li wasslet għal invaliditá filwaqt li kienet suġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, li jqis il-perijodi kollha kkompletati taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru l-ieħor sabiex ikun iddeterminat id-dritt għal, u jiġi kkalkulat l-ammont, ta' kwalunkwe benefiċċju li l-leġiżlazzjoni tiegħu tipprovdi li għandu jitħallas lill-persuna inkapaċitata matul il-perijodu kkonċernat.